MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2014

Numru 323/2012

Il-Pulizija

(Spettur Kyle Borg)

vs

Omar Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 391076m akkuzat talli fis-26 ta' Marzu 2012 ghal habta tal-23.30, gewwa l-Belt, Valletta:

1. zamm ghandu f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu, arma tan-nar minghajr licenzja;
2. akkwista jew kellu f'idejh xi arma tan-nar jew munizzjon xort'ohra milli ghax ghandu licenzja u naqas milli javza lill-Kummissarju tal-Pulizija;
3. zamm jew garr arma tan-nar barra l-ghata taghha, f'post li mhux permess l-isparar fuq il-kacca;

4. fil-waqt li kien qieghed jaghmel reat kontra s-sigurta' tal-persuna u cioe' Fatah Hassan Mohamed u Ahmed Nuriye Mohamed kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;
5. uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzi jew insolent, jew xort' ohra gab ruhu b'dak il-mod, bil-hsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali jew b'hekk johloq il-probabbilta' li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali;
6. bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Fatah Hassan Mohamed u Ahmed Nuriye Mohamed weggghom bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor;
7. flimkien mat-theddid, ukoll fil-kaz ta' theddid bil-fomm, kien hemm ordni jew kondizzjoni;
8. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil haddiehor, ingurji jew theddid jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li johrog barra mill-limiti;
9. bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew mod iehor;

Il-Qorti mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tiprojibixxi lill-imputat milli javvicina lil Fatah Hassan Mohamud u Ahmed Nuriye Mohamed u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li t-tali persuni jiffrekwentaw;

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex tissospendi lil Omar Camilleri milli jzomm, jikseb, jottjeni kwalunkwe licenzja ta' arma tan-nar, kif ukoll tordna l-konfiska tal-arma ta n-nar Luigi Franchi (numru serjali S84205).

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikonsidrat:

Din hi kawza konsegwenza ta' incident li nqala bejn persuna ta' nazzjonalita' Maltija u zewg Somali. Esaminati l-fattispecje taghha jirrisulta li l-incident kellu l-bidu tieghu f'battibekk fl-liema gew skambjati xi kliem xejn kumpimetuzi bejn il-persuna ta' nazjonalita Maltija mill-banda l-wahda u z-zewg Somali mill-banda l-ohra; dan sehh fis-26 ta' Marzu 2012 f'Strada Forni l-Belt, Valletta, fil-hin ta' circa l-11.30 ta' filghaxija.

Il-provi, almenu dawk li jirrisultaw inkontrastati, juru li fil-hin 'de quo' l-imputat kien gewwa r-residenza tieghu, flimkien ma' martu, rieqed. Tqajjem minn storbju provenjenti minn barra précis taht il-gallarija tieghu, li qeghdha fl-ewwel sular. Itawwal u osserva z-zewg Somali jiskarigaw l-iskart tal-restaurant li hemm fil-vicinanzi jismu 'Fumia' gewwa xi recipienti. Minn hawn 'il quddiem ix-xhieda hi konfliggenti. L-imputat jghid li widdibhom mill-gallarija biex ma jaghmlux storbju waqt li s-Somalu, li stqarr li jifhem ftit Malti, qal li l-imputat uza kliem insulenti, ta' theddid u fahxi fil-konfront

taghhom. L-imputat da parti tieghu stqarr li kien dan is-Somalu li insulentah l-ewwel u hu irritalja billi uza l-istess espressjoni fil-konfront tieghu.

Fuq daqshekk jistriehu l-imputazzjonijiet li l-Qorti ser tittrattom fl-ordni taghhom kif jirrisultaw fic-citazzjoni:

Fuq l-ewwel tlett akkuzi: dawn jittrattaw arma tan-nar u munizzjon li l-imputat kellu fl-imsemmi fond ta' residenza tieghu allegatament sprovisti minn licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u li zamm jew garr arma tan-nar barra l-ghata taghha. Dwar dan il-provi juru li l-arma mhux licenzjata 'to keep' kienet tal-ghamla Luigi Franchi b'numru serjali S84205. Pero mid-dokument folio 44 rilaxxjat mill-ghassa tal-Pulizija tal-Belt jirrisulta li l-arma hi proprjeta ta' missier l-imputat li awtorizza lill-imputat (ibnu) li jkun jista' jgorr (carry) l-istess arma 'for sporting purposes'. In aggunta l-imputat esebixxa licenzja f'ismu rigwardanti zewg armi tan-nar li izda ma jidhirx li jidhlu fil-meritu ta' dawn il-proceduri, salv, jekk il-kaz, is-sospensjoni mitlub mill-prosekuzzjoni tal-licenzja anka fir-rispett taghhom. Issa, jirrizulta minn xhieda tal-pulizija stess li l-arma la kienet barra mill-ghatu taghha u lanqas ikkargata (almenu m'hemmx prova li kienet) pero' huwa indubitat li kienet ghand l-imputat

Fuq ir-raba akkuza: din takkuza lill-imputat talli waqt li kien qieghed jaghmel reat kontra s-sigurta' tal-persuna, ossija l-parti leza, jew allegata tali, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti. Fuq daqstant ghandu jirrisulta wisq car li l-arma kienet wahda regolari u fic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandhiex dubbju li kienet f'idejn l-imputat bi skop ta'difiza tieghu u ta' martu;

Fuq il-hames akkuza – imsejjsa fuq l-Artikolu 82A tal-Kap 9 – li jittratta t- tixwix ghal mibgheda razzjali bl-uzu ta' kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolent, jew li iggib ruhek xort'ohra b'dak il-mod li tqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali, anke fuq bazi tal-probabbli - l-Qorti decizament ma taqbilx li l-kliem uzati mill-imputat jew l-imgieba tieghu sar, jekk sar, bil-hsieb li jqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali kif kontemplat fl-artikolu in meritu wara li qieset ic-cirkostanzi kollha. Trid ben altru li tigi ittimbrat razzjali billi ssiket jew anka tirrimostra jew tirrabja kontra l-agir ta' persuna li nserta ta' karnagjon skur li iddisturbalek is-serenita' f'darek meta f'dawk il-hinijiet ta' bil-lejl non kuranti ta' min ikun qed jistrieh jaghmel storbju. Fil-kuntest tal-provi prodotti l-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex m'ghandhiex temmen lill-imputat.

Fuq l-akkuzi rimanenti lanqas ma' hi l-Qorti disposta li ssib xi htija fl-imputat. Fl-ewwel lok l-imputazzjoni numru sitta ibbazata kif inhi fuq l-Artikolu 252(1) tal-Kap 9 ma tinkwadrax taht dan l-artikolu li ma jirreferix ghal kliem ecc diretti lejn persuni prezenti 'de visu' kif semmai jirrisulta f'dan il-kaz; wkoll dwar li fit-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni mhux riskontabbli; lanqas li, certament ipprovokat, oltrepassa xi limitu, jew li kien hu li jkreja storbju u inkonvenjent.

Ghaldaqstant, waqt li tirrevoka l-ordni ta' protezzjoni mahruga kontra tieghu ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tilliberah minn kull-imputazzjoni salv ghall-ewwel u t-tieni li taghhom issibu hati. Ikkunsidrat l-attenwanti generici. Rat l-Artikolu 51(2)(proviso) tal-Kap 65 u tikkundannah 698.81 euro multa u tastjeni milli tordna kemm il-konfiska u s-sospensjoni tal-licenzi

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------